**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1480/00JR**

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**vs**

**Malta International Foods Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn wiehed u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm241.50) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ta' l-ikel ghall-konsum lilha mibjugha u konsenjati;**

**Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Lulju, 1999, tal-mandat ta' qbid ntavolat kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra u bis-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Victor Bugeja ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-bilanc ghadu dovut. Ha konjizzjoni  tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn wiehed u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm241.50), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Lulju, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Lulju, 1999, u tal-mandat ta' qbid ntavolat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**